KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 21

**Il-Ħamis 30 ta' Ottubru 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier (imsiefra)
Andrew Mallia – Kunsillier (Università)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 21.1 Qari tal-Apoloġiji

21.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Mallia minħabba li kien reġa' beda jattendi l-Università kif ukoll minghand Margaret ghax imsiefra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

21.1.2 **Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.**

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 19 u 20

21.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 19 u 20, li kienu meqjusa moqrija.

21.2.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Chircop, kien hemm qbil mill-Kunsilliera li l-aħħar sentenza ta' para. 19.3.2 tiġi taqra: *Il-Kunsillier Chircop informa li kien sema' li l-laqgħa dwar il-librerija inħasbet li kienet dwar il-parkeġġ.*

21.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 19 u 20 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 21.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku informa li dwar para. 19.3.3 huwa reġa' kiteb lill-Ministru Grima dwar il-parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Imsida. Min-naħa tal-Ministeru kienu infurmaw li l-grada ġiet ordnata. Is-Sindku informa li kien kiteb lura biex tinżamm laqgħa mill-aktar fis possibbli. Wara diskussjoni qasira b'numru ta' suġġerimenti dwar min għandu jitħalla jikri spazju, kien hemm qbil li għandu jiġi ffurmat sottokumitat fejn dan joħroġ b'rakkomandazzjonijiet għall-Kunsill.

21.3.2 Dwar para. 19.3.4, is-Sindku informa li l-Kunsill għadu qed jistenna aktar informazzjoni mingħand IM għalkemm infurmaw li t-tender ġiet awarded.

21.3.3 Dwar para. 19.3.5, is-sindku informa li l-MTA kienu kkonfermaw li se jroddu €5,000 għat-tiżjin tal-Imsida Skate Park. Min-naħa tiegħu kien għamel talba wkoll għal €3500 biex isir it-tiżjin tat-toroq tal-pjazza.

21.3.4 Dwar para. 19.3.10, is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-ispettur responsabbli mill-proġett tal-Għassa tal-Imsida, fejn dan kien informa li baqa' madwar sena u nofs biex jitlesta x-xogħol. Is-sindku informa li kien talab biex issir pressjoni biex ikun hawn imqar community police ieħor mal-pulizija tal-Imsida. Is-SE infurmat ukoll li skont ma ġew infurmati, meta tiftaħ l-għassa se jkun hemm ukoll uffiċċju għall-Community Police.

21.3.5 Is-Sindku informa li reġa' kien hemm intopp ieħor fuq ix-xogħlijiet ta' Triq Achille Ferris u issa mistenni li l-proġett jitkompla f'Jannar 2026.

21.3.6 Is-Sindku informa li kienu ntbagħtu madwar 150 email lin-negozji fl-Imsida biex nitolbu sponsorship għat-tiżjin tal-Milied. Huwa kien se jagħmel kuntatt ma' uħud minn dawk li ma rrispondewx. Is-SE infurmat li kienet se tqabbad fotografu biex din is-sena jieħu serje ta' ritratti tat-tiżjin tal-Milied.

21.3.7 Is-Sindku informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien se jgħaddi €4,000 għat-tiżjin tal-Milied.

21.3.8 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien wieħed mir-rebbieħa tal-fondi għall-iskema tal-attivitajiet tal-Milied. Kienet se tinbeda l-ħidma mal-kollaboraturi fuq dawn l-attivitajiet.

21.3.9 Is-Sindku informa li r-residenti tal-madwar tal-Junior College qed jitolbu li l-parkeġġ jinfetaħ wara l-ħin tal-Iskola. Min-naħa tal-Kunsill kienet saret talba lill-Kap tal-Kulleġġ iżda sal-ġurnata ma kienx hemm ebda risposta.

21.3.10 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mas-Sindku u Kunsillier ta' Tax-Xbiex fejn dawn reġgħu talbu li jieħdu numru ta' toroq mill-Imsida. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba, anzi qablu li kollox jimxi mar-reġistru elettorali.

21.3.11 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' żewġ persuni li jieħdu ħsieb il-festa tal-Irxoxt fl-Imsida. Dawn kienu qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jitħallas is-servizz tal-pulizija u biex issir promozzjoni tal-attività minħabba li għall-ewwel darba se ssir filgħodu. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin.

## 21.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid

21.4.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li minħabba li issa d-Deputat SE kienet qed taħdem ġo Kunsill ieħor, kienet qed tipproponi li l-Assistent Prinċipali Sonia Vassallo tieħu dan ir-rwol hi. Min-naħa tagħha kienet diġà staqsietha u din kienet aċċettat.

21.4.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant is-SE kienet se tieħu ħsieb tibgħat tirringrazzja lid-Deputat SE preċedenti u tinforma lid-Diviżjoni bil-bidla.

21.4.3 Sadanittant aktar kmieni kellha ssir intervista ma' kandidat li applika għall-vakanza ta' skrivan iżda dan ma kienx ġie. Għaldaqstant is-SE se tmexxi bil-proċess biex tintbagħat il-lista tal-Part 2 & 3.

## 21.5 Talbiet għal One Ways fi Triq Ċensu Farrugia, San Alwiġi u fiż-żona ta' Triq is-Sarġ

21.5.1 Is-Sindku informa li kien hemm talba mir-residenti biex Triq Ċensu Farrugia tiġi fuq direzzjoni unika. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li d-direzzjoni tat-triq tiġi tidħol mill-Pjazza ta' Triq Misraħ il-Barrieri lejn il-pjazza ta' Misraħ il-Kunsill Lokali. Fuq qbil tal-Kunsill u fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Chircop, kien hemm qbil ukoll li Triq il-Karozzin tiġi fuq direzzjoni unika wkoll, tagħti 'l fuq u Triq Garcin tiġi direzzjoni unika 'l isfel. Triq l-Għajn tal-Ħasselin ħdejn il-grocer għandha tiġi fuq direzzjoni unika.

21.5.2 Is-Sindku semma' wkoll li hu, il-Kunsillier Farrugia u s-SE kellhom laqgħa ma' xi residenti fejn issuġġerew li ssir xi miżura biex jonqsu l-vetturi li jgħaddu minn Triq il-Kunċizzjoni u Triq San Alwiġi. Għaldaqstant is-Sindku u s-SE kellhom laqgħa ma' kumpanija privata sabiex jaraw il-possibbiltà li ssir camera apposta li tidentifika n-numri tal-vetturi biex minn Triq il-Kunċizzjoni jgħaddu biss dawk li huma rreġistrati bħala residenti Misidjani. Dan ifisser ukoll li awtomatikament jonqos l-ammont ta' vetturi li jgħaddu minn Triq San Alwiġi. Il-Kunsill kollu qabel ma' din l-idea.

21.5.3 Is-Sindku informa li l-ispiża biex din issir tkun ta' €2,160 għall-camera u €4,320 fis-sena bħala *maintenance agreement*.

21.5.4 Is-Sindku informa wkoll li dawn ir-residenti jixtiequ jagħmlu petizzjoni. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u qablu li nġibu permessi minghand TM qabel ma mmexxu bl-informazzjoni lir-residenti. Is-Sindku informa li kien tkellem ukoll mal-Minority Leader dwar dan is-suġġeriment minħabba li kienet imsiefra u hija qablet magħha.

21.5.5 Is-Sindku informa wkoll li kellu laqgħa oħra mar-residenti taż-żona ta' Triq is-Sarġ u Triq Ġemma Portelli. Dawn qed jitolbu li Triq is-Sarġ tkun toħroġ biss filwaqt li Triq Ġemma Portelli tkun tidħol biss. Dan sabiex jagħmilha possibbli għar-residenti li joqogħdu f'dawn iż-żewġ toroq li jidħlu fil-garaxxijiet tagħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn jinżlu fi Triq il-Wied meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra lir-residenti ta' Triq is-Sarġ, Triq Ġemma Portelli, Triq Joe Calleja, Triq il-Qawsalla u Triq Kalċidon Schembri. Dawn se jingħataw possibbiltà li jagħżlu bejn żewġ proposti kif ġej: Proposta A – Id-direzzjoni kif kienet proposta mir-residenti li tkellmu mas-Sindku u l-Kunsillier Farrugia u fuq proposta tal-Kunsillier Chircop, Proposta B – Triq is-Sarġ tiġi tidħol sa Triq Inglott; Triq is-Sarġ bejn Triq Inglott u Triq Santa Venera tiġi toħroġ lejn il-bypass; Triq Inglott tiġi titla' lejn Triq il-Qawsalla; Triq Kalċidon tiġi toħroġ lejn Triq Santa Venera biss; Triq Sta Venera bejn Triq Kalċidon Schembri u Triq is-Sarġ tiġi tinżel lejn Triq il-Wied biss. Triq is-Sarġ, in-naħa tal-bypass sa Triq Inglott tiġi two way.

21.5.6 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li aktar kmieni dakinhar kienet ġiet approvata rawndabawt ġdida fi Triq il-Wied. Huwa tenna li għalkemm il-Kunsill mhux neċessarjament kien se joġġezzjona għaliha, ma jħossx li huwa ġust li l-Kunsill kollu għandu jisma' dwarha biss mill-gazzetti mingħajr ma jkun imqar infurmat jew ikkonsultat. Huwa informa li skont ma ġie mgħarraf hemm ukoll xi negozji aktar 'il fuq fit-triq li kienu qed jinsistu li jkun hemm xi tip ta' immaniġġjar tat-traffiku f'dik iż-żona.

## 21.6 Talba għal tneħħija ta' bozza fi Triq San Alwiġi

21.6.1 Is-SE infurmat li kien hemm talba biex tinqala' bozza minn mal-ħajt sabiex isir xi xogħol ta' manutenzjoni. Minħabba li din kellha bżonn li titwaħħal ma' arblu għaliex m'hemmx fejn teħel, kien hemm spiża ta' kważi €700. Il-Kunsill qabel li r-resident li qed jitlob li tiċċaqlaq għandu jagħmel tajjeb għaliha hu.

## 21.7 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart (Lulju – Settembru 2025)

21.7.1 Saret kommunikazzjoni mal-accountant tal-Kunsill sabiex tispjega r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Lulju sa Settembru 2025.

21.7.2 L-Accountant ferrħet lill-Kunsill u lis-SE talli kienu qed imexxu bil-għaqal għaliex dan sarraf biex il-Kunsill għamel qabża kbira fil-finanzi li ntefqu matul dan l-aħħar kwart. Hija tenniet li

l-Kunsill għandu jibqa' għaddej bl-istess passi sakemm il-persentaġġ tal-indikatur finanzjarju jkun ta' 10%.

21.7.3 Hija infurmat li l-persentaġġ tal-indikatur finanzjarju għal dan il-kwart kien ta' 1%.

21.7.4 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju u dan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

21.7.5 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet ġiet mitluba tgħaddi l-ismijiet tal-membri tal-Kumitat tal-Finanzi lid-DLG. Kien hemm qbil li dan għandu jibqa' magħmul kif kien, jiġifieri mis-SE, is-Sindku, l-Accountant, il-Kunsillier C Borg u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

## 21.8 Kwotazzjoni għal cameras ġodda fil-playing field tas-Swatar

21.8.1 Is-SE infurmat li kienet ġabet prezz għal cameras ġodda fil-playing field tas-Swatar. Il-prezz kien ta' €427.

21.8.2 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tordna l-installazzjoni tagħhom.

21.8.3 Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg staqsa x'kien ġara dwar l-offerta ta' kumpanija lokali li tagħmel xi CSR f'dan il-playing field. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat tfakkira.

21.8.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li jinxtara tablet bażiku biex l-istaff ikunu jistgħu jaraw il-cameras mill-apps differenti għaliex fil-preżent dawn qegħdin fuq il-mobile tagħha u trid tiftakar tara l-filmati hi wara l-ħin tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandha ġġib il-kwotazzjonijiet biex jinxtara wieħed għal dan l-iskop.

## 21.9 Żjara ġewwa Sardegna

21.9.1 Is-Sindku talab biex kulħadd jgħaddi kopja tal-passaport jew ID card biex jinxtraw il-biljetti tal-ajru ta' Sardegna. Huwa informa li kull min se jattendi se jkollu bagalja ta' 10kg each ħlief iż-żeffiena tal-folklore minħabba li dawn għandhom bżonn ta' bagalja ikbar minħabba l-kostumi. B'kollox kienu se jmorru 25 persuna magħmula minn 9 kunsilliera, is-SE, 7 membri tal-banda, 2 mill-komunità indjana, 2 żeffiena tal-folk, membru tal-iScouts u kantanta. In-nisa tas-Sindku u tal-Kunsillier Farrugia kienu se jattendu wkoll imma kienu se jħallsu huma direttament.

21.9.2 Is-Sindku informa li matul iż-żjara ġo Sardegna, se jkun hemm ċerimonja bil-partecipazzjoni tal-banda u taż-żeffiena tal-folk kif ukoll l-indjani bil-kostum tradizzjonali; kull entità li se tattendi trid tagħmel preżentazzjoni tal-operat tagħha.

## 21.10 Magna Żmien

21.10.1 Is-SE infurmat li kellha laqgħa ma' rappreżentanti ta' Magna Żmien u dawn kienu qed jipproponu proġett li jsibu filmati u ritratti tal-Imsida fl-antik u jagħmlu preżentazzjoni dwar l-Imsida fil-passat. L-unika problema kienet li għandhom bżonn ta' post fejn itellgħu esebizzjoni, *filming* mar-residenti kif ukoll fejn iżommu r-rekords u għaldaqstant kienu qed jitolbu kamra mdaqqsa għal sena.

21.10.2 Il-Kunsill qabel li m'għandux dan l-ispazju mitlub minnhom għalkemm ma kinux kontra l-inizjattiva innifisha.

## 21.11 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

21.11.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar para. 19.3.11, dwar il-MUSEUM, is-SE skużat ruħha imma għad ma kellhiex ċans tibgħatha.

21.11.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar l-aċċess għall-vann tal-komunità, is-SE infurmat li kienet għamlet talba lill-Ministeru tal-Anzjanità Attiva. Kien hemm qbil li għandha terġa' tagħmel tfakkira minħabba li fil-preżent id-driver qed juża banketta u din m'hijiex metodu sigur għall-anzjani.

21.11.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar ix-xogħlijiet fiż-żona ta' ħdejn Triq Johnny Catania, is-SE infurmat li għadhom ma tawniex informazzjoni.

21.11.4 Għall-mistoqsija mingħand il-Viċi Sindku dwar il-librerija fl-iskola, is-SE infurmat li qed tistenna lura mingħand il-Kap tal-Iskola.

## 21.12 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

21.12.1 Is-Sindku informa li r-Regjun qed jalloka €15,000 għal xi proġett, attività jew inizjattiva fil-lokalità. Possibbilment din għandha tkun ħaġa tanġibbli u għaldaqstant talab suġġerimenti mill-Kunsilliera. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li ssir heritage trail iżda s-SE infurmat li bl-għajnuna tal-Kunsillier Mallia kienet se ssir xi ħaġa simili diġà. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil unanimu li għandu jiġi mibdul il-lift tad-disabled li qiegħed ħdejn il-bieb ta' wara tal-binja.

21.12.2 Is-Sindku informa li konna rċevejna wkoll skema għal fondi min-naħa tal-LESA għal massimu ta' €80,000. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil unanimu li jinxtara vann għall-ħaddiema li jaħdem bl-elettriku. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil ukoll li fl-applikazzjoni tiddaħħal ukoll *city car* għall-użu ġenerali tal-Kunsill.

21.12.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier JC Borg kien hemm qbil unanimu li trejqa fi Triq il-Wied faċċata ta' Identità Malta tingħata l-isem ta' Triq it-Tabib Carmelo De Lucca, Antropologu.

21.12.4 Il-Kunsillier JC Borg informa li kienu se jinbidlu xi dati tal-attivitajiet tal-Milied, eżattament dik tad-djar tal-anzjani u tal-Iskola Primarja.

21.12.5 Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni li l-attività rigward para. 19.8.2 se tinżamm nhar is-Sibt 29 ta' Novembru fi Triq Victor Denaro. Is-SE se tieħu ħsieb li jitwaħħlu t-tabelli tan-no parking kif ukoll il-permessi neċessarji. L-attività se tinżamm bejn id-9am u nofsinhar. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat stedina wkoll lill-Pulizija tal-Komunità u jintalbu wkoll iġibu lis-sezzjoni tal-klieb.

21.12.6 Il-Kunsillier Chircop informa li fi Triq Garcin fil-kantuniera hemm żewġ garaxxijiet u dawn applikaw għal supermarket bil-parkeġġ. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lis-sid u jekk jikkonfermalna, nitolbuh jikkunsidra li wara l-għeluq, il-parkeġġ jintuża mir-residenti bi ħlas.

21.12.7 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienet saret laqgħa fejn attendew numru ta' residenti mis-Swatar. Dawn qed jitolbu li l-Kunsill japprova li ssir petizzjoni biex is-Swatar ma jibqax jinbena. Huma kienu talbu wkoll li l-Kunsill ikellem lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara minħabba li parti mis-Swatar kienet taqa' magħhom ukoll. L-idea hija li ovvjament ikun hemm numru ta' residenti akbar li qed jiġġieldu biex is-Swatar ma jinbeniex u minflok qed jissuġġerixxu li ssir talba biex iż-żona kollha tiġi msaġġra u jinħoloq park fejn ir-residenti ta' dawn in-naħat ikollhom fejn imorru għal mixja qalb is-siġar.

21.12.8 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Farrugia kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lill-MPs tad-Distrett biex iż-żona tal-Għajn tal-Ħasselin tiġi ġnien (open space).

21.12.9 Il-Kunsillier Farrugia informa li hu u s-SE se jkollhom laqgħa mal-Inġinier tar-Reġjun sabiex possibbilment jagħtina soluzzjoni biex tissolva l-problema tal-Għajn tal-Ħasselin.

21.12.10 Il-Kunsillier Farrugia qal li huwa jaraha inġustizzja li hawn numru ta' lokalitajiet li għandhom l-iskema tar-residents parking filwaqt li fil-lokalità tal-Imsida din għadha ma ġietx approvata. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat reminder lill-Ministru Bonett.

21.12.11 Il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni dwar il-kiosk tal-parkeġġ ta' ħdejn il-ġibjun. Is-SE ikkonfermat li mill-amministrazzjoni ma nħareġ l-ebda permess. Ġibdet l-attenzjoni wkoll li meta l-Kunsilliera jirċievu lmenti dwaru mingħand ir-residenti, importanti li tinġibdilhom l-attenzjoni li jekk ikunu qed jagħmlu storbju jew inkonvenjenza, dawn għandhom iċemplu lill-pulizija direttament dak il-ħin stess biex jinqabdu fil-fatt u l-pulizija tkun tista' tieħu azzjoni kontrihom.

21.12.12 Il-Kunsillier Agius informa li kienet reġgħet saret il-Quddiesa u l-kafe u kienu attendew biss 4 anzjani. Kien hemm qbil li kemm-il darba ma jattendux għall-Quddiesa din l-inizjattiva se titwaqqaf.

21.12.13 Hawnhekk skużaw ruħhom il-Kunsilliera Agius u Chircop.

## 21.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

21.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-21), kopja tagħha mehmuża. Il-Viċi Sindku proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier C. Borg issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 21.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.14.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-18 ta' Novembru 2025 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li t-triq ta' quddiem il-knisja se tinfetaħ u se tkun qed tieħu wkoll it-traffiku ta' Triq M. A. Vassalli. Il-parkeġġ tal-funerali se jiġi fi Triq il-Knisja u t-Triq Mons. Falzon se tinbidel id-direzzjoni fil-ġranet li ġejjin. Se jkun hemm uffiċjali ta' TM mill-Ħadd. Il-Viċi Sindku talbet li tkun bil-miktub biex inkunu nafu kif se jsir l-immaniġġjar tat-traffiku u jekk hux se jkun hemm uffiċjali.

Fuq l-istat tat-toroq in ġenerali, huwa informa li lill-Periti kien għaddielhom fejn hemm bżonn ta' xi xogħlijiet.

Is-Sindku staqsa fejn sejjer il-bus stop kulleġġ ta' man-naħa tal-baħar. Ryan kien se jieħu ħsieb isaqsihom.

Ryan qal li quddiem il-bus stop kulleġġ ta' ħdejn tal-pastizzi, it-triq se tkun fuq one lane biss għaliex se jkunu għaddejjin b'xi servizzi ġodda.

Ryan informa li IM kienu talbu lill-CMD biex isir it-tindif madwar il-pjazza iżda dawn għadhom ma tawx konferma. Sadanittant ħadu ħsieb jitolbu lill-kuntrattur biex jagħmel tindif intern.

Ryan informa li Triq Xatt l-Imsida qed jistennew mingħand il-WSC minħabba x-xogħlijiet. Is-SE infurmat li l-krejn kellu permess sal-31 ta' Diċembru.

Dwar il-laqgħa mal-uffiċjali tal-H&S kienu attendew Ryan u l-Kunsillier Farrugia. Is-Sindku staqsa jekk sarux xi affarijiet minn meta saret din il-laqgħa ġimgħatejn ilu. Ryan ikkonferma li għadha ma ttieħdet ebda azzjoni. Is-Sindku qal li fejn hemm issue li persuna tista' tweġġa', ma nistgħux ninjoraw il-problemi u dan il-mesaġġ għandu jitwassal lill-IM. Issemmew żewġ inċidenti li saru diġà fejn weġġgħu sewwa żewġ persuni. Is-SE ikkonfermat li l-Kunsill mhux responsabbli għal xi inċident li jista' jsir u għaldaqstant ir-responsabbiltà kollha bħalissa hija ta' IM.

Rigward il-kwistjoni tal-istatwa, Ryan informa li IM se jmexxu fuq li għandhom huma kemm-il darba ma jkunx hemm żviluppi.

Il-Kunsillier Agius insista li l-passaġġi għandhom ikunu komdi biex jgħaddu n-nies b'wheelchair. Ryan informa li ma jafx jekk kienux ġew irranġati imma dan kien punt li ġie indikat lill-uffiċjal tal-H&S.

Is-Sindku informa li kif taqbeż iz-zebra crossing tal-Pieta' hemm barrier perikoluża.

Il-Kunsillier Agius indika li d-dawl taz-zebra crossing mexa u issa ġiet ta' periklu kbir biex jaqsmu n-nies.

Il-Kunsillier Farrugia staqsa jekk jafux fuq il-ġebel li waqa'. Ryan informa li dak huwa barra miż-żona tal-proġett imma għaddew ir-rapport lil dipartiment ieħor u kellhom jiftehmu li se jsir ix-xogħol. Is-SE fakkritu biex jgħaddilha r-ritratti bħalma talbitu fuq ic-chat.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar jekk saritx il-grada ta' mal-pont Ryan informa li għadha ma saritx. Se jieħu ħsieb ifakkarhom.

Ryan informa li hemm laqgħa nhar l-Erbgħa fl-4pm fis-site office dwar il-christmas decorations.

Il-Kunsillier JC Borg staqsa jekk il-H&S officer għadux impjegat għaliex qabel il-festa kien ġie b'ħafna problemi biex isiru d-dekorazzjonijiet u imma issa qisu qed jgħaddi kollox.

Is-Sindku talab lil Ryan jgħaddi l-messaġġ lil IM li l-Kunsill huwa inkwetat dwar in-nuqqasijiet u s-sigurtà u qed jitlob li dawn l-affarijiet għandhom jiġu indirizzati immedjatament.

Il-laqgħa spiċċat fis-5:40pm.

*****